MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 5/2012

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrent ippremetta:

1. Illi l-partijiet isseparaw in forza ta’ kuntratt pubbliku in atti Dottor Ritienne Bugeja LL.D. fis-27 ta’ Lulju tas-sena 2010, kopja tieghi qeghdha tigi hawn anness au markata Dok A.

2. Illi l-partijiet ghandhom tlitt (3) ulied minorenni u cioe’ X ta’ tlettax-il (13) sena, Y ta’ disa’ (9) snin u Z ta’ sitt (6) snin.

3. Illi fi klawsola 5F ta’ l-imsmemi kuntratt, l-attur obbliga ruhu li bhala sehmu mill-manteniment tat-tfal

minuri intrabat u obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta s-somma ta’ 558 Eur fix-xahar b’effett mis-27 ta’ Lulju 2010, u cioe’ s-somma ta’ 186 Eur ghal kull minuri liema manteniment jizdied kull sentejn skond l-indici ta’ l-gholi tal-hajja mahrug minn awtorita’ kompetenti.

4. Illi fi klawsola 5G il-partijiet qablu illi l-ispejjez ta’ l-edukazzjoni u sahha jithallsu mill-kontendenti ugwalment.

5. Illi fi klawsola 5H l-attur obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta s-somam ta’ 350 Eur ghal darba wahda biss kull sena kalendarja ghall-hwejjeg tal-minuri.

6. Illi klawsola 5J tistipula illi kwalunkwe beneficcju socjali in konnessjoni mat-tfal inkluz childrens’ allowance jkun percepibbli esklussivament mill-konvenuta u l-attur ma jkollu ebda dritt fir-rigward.

7. Illi n-negozju ta’ l-attur bhala mastrudaxxa sejjer hazin u ghalhekk intavola proceduri ta’ medjazzjoni (Ittra numru 864/2011 CD) sabiex il-manteniment illi huwa jivversa lill-konvenuta ghall-minuri jibda jirrifletti l-profitti reali tieghu min-negozju, liema negozju naqsu drastikament f’dawn l-ahhar sentejn.

8. Illi fil-fatt bejn wiehed u iehor prezentement l-attur qieghed jivversa lill-konvenuta circa tminnt elef eur (8,000 Eur) fix-xahar qua manteniment ghat-tlitt minuri.

9. Illi konvenjenetement, il-konvenuta ma ppartecipatx fil-process tal-medjazzjoni kif kellha d-dover li taghmel u dan billi ma attendiet ghal ebda seduta kif ghandu jirrizulta mill-inkartament tal-medjazzjoni hawn anness u markat Dok B.

10. Illi tali nuqqas ta’ partecipazzjoni stultifika l-iskop tal-medjazzjoni u ma seta’ jintlahaq l-ebda ftehim sabiex il-manteniment jigi rivedut.

11. Illi sabiex jevita kawza, fl-20 ta’ Ottubru 2011, l-attur intavola rikors ghar-riduzzjoni tal-manteniment, madankollu l-Qorti dderigiet lill-attur jintavola kawza

opportuna (vide Dok C), liema kawza setghet tigi evitata li kieku l-konvenuta ppartecipat fil-medjazzjoni u mhux injoratha u ghalhekk dahhlet lill-attur kontra qalbu ghal spejjez inutili.

12. Illi kif se jirrizulta fil-kors tal-kawza, il-konvenuta tahdem kif ghandha d-dover li taghmel u ghandha introjtu sostanzjali u ghalhekk il-piz finanzjarju tat-tfal ma ghandux jibqa' jgorru esklussivament l-attur.

13. Illi apparti l-kontribut ta' l-attur fl-ammont ta' 8,000 Eur, il-konevnuta tippercepixxi esklussivament ic-childrens' allowance ta' tlitt itfal.

14. Illi kif se jigi pruvat filk-kors tal-kawza, il-profitti ta' l-attur mix-xoghol ta' mastrudaxxa tant naqsu illi zgur li ma jistax jibqa' jhallas dan il-manteniment ezorbitanti.

Talab in vista tal-premess illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut ma ghadux f'pozizzjoni li jhallas lill-konvenuta il-quantum ta' manteniment li obbliga ruhu li jhallas ghat-tlietb uliedu fil-kuntratt ta' separazzjoni tas-27 ta' Lulju 2010 in atti Nutar Dr Ritienne Bugeja.

2. Tiffissa manteniment xieraq ghat-tliet minuri tal-kontendenti li jkun jirrifletti l-mezzi ta' l-attur u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata li *in forza* taghha hija eccepiet:

1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandu jindika sas-seduta li jmiss kif inhu tassattivament rikjest mill-artikolu 156(8) tal-Kap 12, min huma x-xhieda indikati bhala “hbieb tal-konvenuta, suppliers u agenti tal-attur, impjegati tal-attur.”
2. Illi preliminarjament ukoll din il-Qorti ghandha tordna l-isfilz mir-rikors guramentat ta’ ‘Dok. B’ li hu l-inkartament tal-medjazzjoni 864/2011 stante li ai termini tal-artikolu 27 tal-Kap 474 tal-Ligjiet ta’ Malta li jaghmilha dokumenti fl-atti tal-medjazzjoni ma jista` jigi esebit hlief bil-kunsens tat-tnejn.
3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a. l-kawza giet intavolata fuori termine stante li l-attur gie awtorizzat jipprocedi ghall-kawza fit-22 ta’ Settembru 2011 u l-kawza giet prezentta fis-6 ta’ Jannar 2012 skond l-artikolu 10(1) tal-Avviz Legali 397/2003, l-attur kellu xahrejn mid-digriet tal-awtorizazzjoni biex jaghmel il-kawza. Dan gie wkoll ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawza Francis Schembri vs Angelina sive Lina Schemri et deciza 10/11/2008.
b. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in vista tal-massima pacta sunt servand;
c. Li mhux minnu li l-attur irid jissodisfa l-kundizzjonijiet msemmijin fir-rikors guramentat u cioe` li c-cirkostanzi finanzjarji tieghu nbidlu u li ghamel li seta` biex jevita jew jirrimedja tali tnaqqis.
d. Illi subordinatament u bla pregudizzju r-rikorrenti ghandu n-negozju tieghu, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghandu l-ikpjegati mieghu u ghadu jhallas l-insurance policies kollha li ghandu fuq ismu, jikri flat ghalih u ghal partner tieghu certu Claudia Darmanin li minnha ghandu tarbija, u anke jmantini lil wild iehor li ghandha l-istess Darmanin minn relazzjoni precedenti u kwalsiasi tibdil fic-cirkostanzi finanzjarji tieghu mhi ghajr hlief tentattiv goff biex jipprova jeludi l-obbligazzjonijiet minnu assunti taht il-kuntratt ta’ separazzjoni in kwistjoni. Kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna tibdil fis-sitwazzjoni finanzjarja waheda ma taghtix dritt ghal

revizjoni tal-obbligu ghal hlas ta' retta alimentari assunta liberament.

e. Illi dwar l-fatt li l-esponenti ma attenditx ghal medjazzjoni, jigi rilevat li hija irceviet ghall-ewwel seduta u ghat-tieni qatt ma rceviet avviz u l-ewwel seduta ma attenditx ghax hija tahdem u ma setghetx tiehu leave.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi hija ma ghandhiex tbati spejjez.

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal sentenza preliminari fuq l-eccezzjoni numru 3(a) tal-intimata;

Ikkunsidrat:

Illi din hija sentenza preliminari abbazi tat-tielet eccezzjoni immarkata bin-numru 3(a) u cioe' li l-kawza odjerna, skond it-tezi tal-intimata, giet intavolata *fuori termine* u dan abbazi tal-Artikolu 10(1) tal-Avviz Legali 397/2003.

Illi ghal kull buon fini il-qorti taghmel referenza ghall-Artikolu hawn citat u li fuqu ddur il-kwistjoni kollha tal-eccezzjoni odjerna li jghid hekk:

"***Kif il-medjatur jinforma lill-Qorti li l-partijiet ma waslux ghal ftehim wara l-process tal-medjazzjoni taht ir-regolament precedenti, hija ghandha tawtorizza lill-partijiet jibdew il-proceduri fi zmien xahrejn jew dak il-perjodu itwal li jista' jigi moghti ghal raguni gravi***".

Illi l-qorti tirrileva li l-Artikolu hawn citat ma jhalli ebda ombra ta' dubju fuq iz-zmien li ghandha parti sabiex tippromwovi proceduri wara li tinghalaq il-medjazzjoni. Dan il-perjodu huwa wiehed ta' xahrejn jew dak il-perjodu itwal li jista' jigi moghti ghal raguni gravi. Dan ifisser li sakemm ma jkunx hemm talba ta' xi wiehed jew wahda mill-partijiet (jew b'mod konguntiv bejniethom) u dejjem ghal raguni gravi, z-zmien impost sabiex tigi intavolata kawza bhal dik odjerna jibqa' dak ta' xahrejn.

Illi jekk wiehed ihares lejn l-inkartament ipprezentat fil-mori ta' din il-kawza jidher li permezz ta' digriet moghti minn din il-qorti hekk kif diversament preseduta (ara a fol 22 tal-process), ir-rikorrent inghata l-awtorizazzjoni sabiex jipprocedi bil-kawza odjerna nhar id-29 ta' Settembru 2011. Dan ifisser li l-istess rikorrent kellu sad-29 ta' Novembru 2011 sabiex jintavola l-kawza odjerna ghaliex it-terminu impost huwa wiehed tassattiv u perentorju. Dan dejjem qieghed jinghad fil-kuntest tal-fatt li r-rikorrent ma ressaq ebda prova li permezz taghha seta' juri li kien hemm ragunijiet gravi li wasslu lil din il-qorti sabiex testendi tali zmien impost mil-ligi. Fin-nuqqas ta' dan u cioe' fin-nuqqas ta' tali talba ta' estensjoni din il-qorti trid necessarjament izzomm mat-terminu impost fl-Artikolu hawn citat li ma jhalli ebda forma ta' diskrezzjoni fuq din l-istess qorti.

Mill-inkartament esebit u cioe' mit-timbru li juri meta fattwalment giet intavolata l-kawza odjerna, jirrizulta bl-aktar mod car li r-rikorrent intavola l-kawza odjerna b'aktar minn xahar u nofs tard wara l-iskadenza tat-terminu impost. F'dan l-istadju l-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Francis Schembri vs Angelina sive Lina Schembri et** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' Novembru 2008 fejn gie rilevat li digrieti moghtija minn din il-qorti fl-atti ta' medjazzjoni huma ezekuttivi u jibqghu hekk sakemm it-terminu ta' xahrejn impost mill-ligi u diskuss aktar 'il fuq ikun skada. Mal-iskadenza tat-terminu u fin-nuqqas li tigi intavolata kawza, allura tali digrieti jibqghu ordnijiet tal-qorti. L-attur jipprova jargumenta li r-rikors tieghu dekretat f'Dicembru 2011 estenda z-zmien ghall-prezentata tal-kawza odjerna izda l-qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. L-ewwel nett ghaliex ir-rikors ma jinkludi ebda talba ghal ebda estensjoni tat-terminu ta' xahrejn biex tigi prezentata l-kawza u fit-tieni lok ghaliex id-digriet li permezz tieghu l-attur gie awtorizzat jipprezenta l-kawza odjerna qatt ma gie revokat u konsegwentement baqa' in vigore.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti taqta' u tiddeciedi billi **tilqa'** it-tielet eccezzjoni bin-numru 3a tal-intimata u konsegwentement tiddikjara li l-kawza giet intavolata *fuori termine* abbazi tal-Artikolu 10(1) tal-Avviz Legali 397/2003.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------